## Qorti tal-Maġistrati (Għawdex)
## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Leonard Caruana LL.D (Melit.) M.A. (Fin. Serv.)

Illum, 24 ta' Ottubru 2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Bernard Charles Spiteri)**

**vs**

**Stephen Zahra**
**(K.I. 512786M)**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-akkużat **Stephen Zahra** ta' 55 sena, iben Joseph u Mary Ann nee' Azzopardi, imwieled Ontario Kanada, fil-8 ta' Settembru 1968 u residenti 'Green Hills', Block 2, Flat 5, Triq is-Salini, Żebbuġ Għawdex, detentur tal-karta tal-identità bin-numru 512786M u akkużat talli nhar l-20 ta' Ottubru 2023, fi bejn il-5.00p.m. u l-5.20p.m. waqt li kont qiegħed fi Triq Taħt Putirjal, Rabat Għawdex u ġewwa l-għassa tal-pulizija fi triq ir-Republika, Rabat Għawdex u/jew fi dawn il-Gżejjer;

1. Attakka jew għamel reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb, ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuni inkarigata skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè PS 428 Carmelo Debattista, PC 696 Marvic Vella, PC 390 Charlon Xuereb u PC 1070 Florian Farrugia fil-waqt li kienu qegħdin jaġixxu għall-eżekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-Awtorità kompetenti u dan bi ksur tal-artikolu 96 tal-Kap. 9.

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi inġurja jew hedded, persuni inkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku u ċioè PS 428 Carmelo Debattista, PC 696 Marvic Vella, PC 390 Charlon Xuereb u PC 1070 Florian Farrugia waqt li kienu jagħmlu jew minħabba li kienu għamlu dan is-servizz, jew bil-ħsieb li jbeżżgħu jew li jinfluwixxu fuqhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkustanzi ma obdiex l-ordnijiet leġittimi tal-Awtorità jew ta' wieħed li jkun nkarigat minn servizz pubbliku;

4. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ħassar jew għarraq ħwejjeġ ħaddiehor, mobbli jew immobbli għad-dannu ta' Gabriele Valentini, liema ħsara hija anqas minn mitejn u ħamsin Ewro (€250);

5. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u kiser volontarjament il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

F'kaz ta' htija il-Qorti hija mitluba sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' PS 428 Carmelo Debattista, PC 696 Marvic Vella, PC 390 Charlon Xuereb u PC 1070 Florian Farrugia u dan ai termini tal-Art. 382A u 383 et seq. tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat li fis-seduta tal-lum stess l-akkużat irreġistra ammissjoni għall-akkużi dedotti kontra tiegħu ħlief għall-ewwel akkuża. Illi fid-dawl ta' din l-ammissjoni, u bl-applikazzjoni ta' l-Artikolu 392A(1) u l-Artikolu 453(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9, Liġijiet ta' Malta, il-Qorti wissietu b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-tweġiba u ngħatat żmien xieraq sabiex, jekk trid, terġa' lura minnha.

Rat id-dokumenti kollha;

Semgħet is-sottomissjonijiet magħmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiża rigwardanti l-piena;

Ikkunsidrat:-

Illi jirriżulta li l-akkużat kien qiegħed jagħmel xi storbju u anke kkawża xi ħsarat ħdejn il-bus terminus fi Triq Taħt Putirjal, Rabat Għawdex. Il-pulizija irrikorriet fuq il-post u x'ħin rahom, hu beda jidgħi, joffendihom u jheddidhom u anke offra resistenza lejn l-uffiċjali tal-pulizija li marru fuq il-post.

Illi l-akkużat ammetta l-akkużi ħlief għall-ewwel akkuża miġjuba fil-konfront tiegħu u għaldaqstant, fuq l-ammissjoni volontarja u inkondizjonata tiegħu, il-Qorti m'għandhiex triq oħra salv li ssib lill-akkużat ħati tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu kif minnu ammessi.

Illi dwar l-ewwel akkuża, mill-provi prodotti ma jirriżultawx l-estremi u l-elementi meħtieġa għas-suċċess ta' l-ewwel akkuża u għaldaqstant il-Qorti qed tilliberaħ minn din l-akkuża.

Illi l-Qorti madanakollu, tagħmilha ċara li ebda aġir abbużiv lejn il-forzi tal-ordni ma huwa tollerat fis-soċjetà tagħna u għaldaqstant, minkejja li l-akkużat ammetta l-akkużi fi stadju bikri, il-Qorti ma tarax li għandha tagħti l-minimu tal-piena.

**Deċide**

Għal dawn il-motivi, l-Qorti, wara li rat l-Artikoli 95, 325(ċ), 338(dd) u 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta qed issib lill-Stephen Zahra **ħati** tat-tieni, it-tielet, ir-raba' u l-ħames akkuża u qed tikkundannaħ għal piena ta' multa ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500), filwaqt li qed **tilliberaħ** mill-ewwel akkuża miġjuba kontra tiegħu.

Inoltre bl-applikazzjoni tal-Artikolu 382A tal-Kodiċi Kriminali, il-Qorti qed timponi Ordni ta' Trażżin fuq il-ħati a favur ta PS428 Carmelo Debattista; PC696 Marvic Vella; PC390 Charlon Xuereb u PC1070 Florian Farrugia għal-perjodu ta' <u>sena (1)</u> mil-lum;

**Dr. Leonard Caruana LL.D., M.A. (Fin. Serv).**
**Maġistrat**

**Joseph Grech**
**Deputat Reġistratur**